MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 8/2012

**Joseph Deguara**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

Il-Qorti

Illi fid-9 ta' Marzu 2012 l-Arbitru ippronunzja s-segwenti sentenza

*"L-Arbitru*

*Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fil-19 ta' Gunju 2010, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellant kien ser jibda jithallas il-Pensjoni Kontributorja tieghu bir-rata ta' Ewro 188.75 fil-gimgha mit-13 ta' Marzu 2010.*

*Peress illi l-appellant beda jithallas il-Pensjoni Kontributorja tieghu ai termini tal-Artikoli 98(2) u 97(2)(c) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta), d-decizjoni tad-Direttur hija gusta u ghalhekk timmerita konferma.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi konfermata.'*

Aggravat b'din id-decizjoni, l-appellanti Joseph Deguara iressaq is-segwenti aggravvji fejn jilmenta:

1. illi r-rabta li teżisti bejn l-individwu u l-istat għall-għotja tal-pensjoni kontributorja hija waħda kuntrattwali, u dan hu wkoll obbligu li joħroġ mill-liġi, għalhekk id-dritt li wieħed jirċievi l-pensjoni huwa dritt sagrosant naxxenti mill-mument li jkun intitolat għaliha – mal-ilhuq ta'l-eta pensjonabbli - u mhux minn meta japplika għaliha l-individwu. Dana ghaliex id-dritt tal-kontribwent ghall-pensjoni kontributorja hija marbuta mal-hlasijiet illi ikun ghamel matul il-hajja lavorattiva tieghu.

2. Illi d-decizjoni ta'l-Arbitru hija ibbazata fuq il-fatt illi l-appellanti naqas milli jissottometti l-applikazzjoni tieghu fi zmien sitt xhur mid-data li fiha huwa ghalaq l-eta ta' 61 sena. Ghalhekk l-Arbitru malament naqas milli jagħmel apprezzament ta' prinċipju ta' importanza kif indikat fl-ewwel aggravvju.

3. Illi m'huwiex ġust li d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jippenalizza, a bażi ta' sempliċi kwistjoni ta' terminu ta' żmien marbut ma' applikazzjoni, lil dawk li dejjem ħallsu t-taxxa tul is-snin ta' ħidma tagħhhom, hekk kif għamel l-appellanti.

4. Illi dak dispost fl-artikolu 97(2)(c) tal-Kapitolu 318 imur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja u l-ekwità li l-Qrati tagħna dejjem saħqu dwarha, tant illi din id-disposizzjoni tal-ligi qed tintuza u tigi abbuzata b'mod konvenjenti biex l-Istat jehles mill-obbligi fiskali tieghu.

5. Illi d-Direttur u l-Arbitru naqqsu milli jindagaw x'kienet ir-raġuni li wasslet lill-appellanti li jissottometti l-applikazzjoni ftit wara li skada t-terminu ta' sitt xhur. L-appellanti kien inkariga accountant u cioe' persuna professjonali sabiex jiehu hsieb l-obbligi fiskali tieghu u kien nuqqas da parti ta' din il-persuna li ma infurmatux li kellu jissottometti applikazzjoni sabiex jibda jircevi l-pensjoni.

6. L-appellanti jissottometti illi ma kien hemm l-ebda raġuni għala d-Direttur m'applikax l-proviso (iii) (a) tal-artikolu 98(2)(c) tal-Kapitolu. 318 u cioe' illi jekk id-dewmien sabiex tigi sottomessa l-applikazzjoni ma ikunx izjed minn mija u erbgha gimghat id-Direttur jista fid-diskrezzjoni tieghu jikkonsidra it-talba bhala li tkun ufficjalment ricevuta fil-hin.

7.

Mill-atti probatorji quddiem l-Arbitru jistghu jigi senjalati dawn il-fatti:-

Illi l-appellanti laħaq l-eta pensjonabbli f' April 2009. Fil-11 ta' Marzu 2010 huwa applika sabiex jibda jirċievi l-pensjoni kontributorja. Illi wara li ssottometta l-applikazzjoni tiegħu, id-Direttur tas-Sigurta Soċjali infurmah illi huwa intitolat li jibda jirċievi l-ħlas b'effett mit-13 ta' Marzu 2010. L-appellanti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni tad-Direttur u appella quddiem l-Arbitru, illi ikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur.

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellanti Joseph Deguara jgħid illi huwa għandu dritt għall-pensjoni kontributorja u dan id-dritt jiġi fis-seħħ mill-mument meta huwa sar intitolat għaliha u mhux minn meta huwa fil-fatt applika għaliha. Illi l-**artikolu 44 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta** jistipula:

> ***"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħrajn ta' dan l-Att, persuna jkollha dritt għal Pensjoni għal min Jirtira,…mid-data ta' meta tirtira jekk -***
>
> ***(a) fid-data ta' meta tirtira tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti; u***
>
> ***(b) tagħmel talba għal hekk fi żmien sitt xhur minn dik id-data."***

*Meta ma tagħmilx talba fi żmien sitt xhur minn meta tirtira l-pensjoni titħallas b'effett mid-data li fiha ssir it-talba.*

L-**artikolu 97(2)(c)(ii) tal-Att,** imbaghad jiddisponi**:**

> ***97. (1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna għal xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li –***
>
> ***(a) tagħmel talba għaliha fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna jew b'dak il-mod l-ieħor li d-Direttur jista' xort'oħra jiddeċiedi dwar xi benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna partikolari jew dwar xi talba partikolari, u li dik it-talba tkun uffiċjalment riċevuta mid-Dipartiment fil-limiti taż-żmien rispettivi stabbiliti bis-subartikolu (2);***

***(2) Il-limiti ta' żmien imsemmija fis-subartikolu (1)(a) għandhom ikunu dawn li ġejjin:***

***fil-każ ta' Għotja taż-Żwieġ, Benefiċċju dwar il-Maternità, Allowance tat-Tfal, Allowance għal Tifel b'Disabilità jew xi Pensjoni għal min Jirtira jew dwar ir-Romol, sitt xhur li jibdew jgħoddu minn –***

***(ii) il-jum li fih il-persuna konċernata tilħaq tirtira, fil-każ ta' xi Pensjoni għal min Jirtira;***

***Iżda jekk ma ssir l-ebda talba għal xi benefiċċju, pensjonijiet, allowances jew għajnuna imsemmijin qabel fil-limiti ta' żmien imsemmijin qabel, id-dritt għal dawk il-benefiċċji, pensjonijiet, allowances u għajnuna jibda jgħodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tkun aċċettata mid-Direttur bħala li tkun uffiċjalment riċe vuta mid-Dipartiment."***

"**Issa m'hemmx dubbju illi biex dritt potenzjali ta' pretendent jissarraf fi dritt effettiv huwa dejjem mehtieg li ssir talba ghal daqshekk**." (10 ta' Marzu, 2004 Appell Civili Numru. 5/2002 Frank Refalo vs Direttur tas-Sigurta` Socjali). Jinghad ukoll illi:

" ***Fit-termini tal-precitat Artikolu 97 jinghad li hi prekondizzjoni tal-jedd ta' persuna ghal xi wiehed mill-beneficcji, pensjoni, allowance jew ghajnuna preskritti fl-Att illi hu jressaq talba ghaliha fuq il-formula stabbilita jew b' xi mod iehor ghall-kunsiderazzjoni mid-Direttur ta' talba bhal din.***

***Minn dan premess, jidher li l-Artikolu 97 hu mahsub biex jipprovdi dwar il-mod u z-zmien ta' kif issir talba ghall-ewwel darba ghall-beneficcju ntiz li jigi ricevut mill-applikant.***

***Huwa sintomatiku wkoll illi fil-kaz ta' nuqqas ta' talba fiz-zmien prefiss jew f' kaz ta' dewmien l-istess artikolu jipprovdi ghat-tnaqqis fil-konsegwiment u l-effett tal-beneficcju jew tal-pensjoni aspettata. Irid jinghad ukoll illi ghar-recezzjoni tad-dritt tal-pensjoni mhux sufficcjenti il-kwalifika ghaliha ta' dak li jinsab definit fil-kelma "jirtira" taht l-Artikolu 2 ta' l-Att, ossija d-data ta' meta l-persuna tieqaf tahdem jew tilhaq l-eta` ta' 65 sena, skond liema tigi l-ewwel. Ad substantiam, il-ligi tirrikjedi wkoll il-formalita` ta' l-applikazzjoni, ex-Artikolu 97 ta' l-Att;" (***Appell Civili Numru. 5/2005 Valerio Valente vs Direttur tas-Sigurta` Socjali tal-1 ta' Marzu, 2006)

Kwindi in linea ma dan l-insenjament ġuridiku l-ewwel aggravju tal-appellanti, kif ukoll it-tieni u it-tielet wiehed li huma marbuta mieghu, ser jiġu miċħuda stante illi huwa kien jeħtieġlu fil-fatt japplika għall-pensjoni tal-eta skond id-disposizzjonijiet tal-liġi hawn fuq imsemmija u ċioe  l-Artikolu 97 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta u skond l-insenjament ġuridiku hawn fuq ikkwotat.

Illi fir-raba aggravju l-appellanti, izda, jishaq illi dak dispost fl-artikolu 97(2)(c) ta'l-Att imur kontra l-prinċipji tal-ġustizja u l-ekwita. Il-punt ta' dritt devolut allura ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa jekk hija ghandhiex tiddipartixxi mid-dritt sabiex fuq principju ta' gustizzja u ekwita tilqa' l-appell interpost.

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta esprimiet ruhha dwar dan l-aspett ta' dritt f'sentenza deciza fid-09 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet Joe Hales vs Direttur tas-Sigurta Socjali fejn il-beneficcjarju f'dak il-kaz applika ghal pensjoni tar-romol sitt snin wara l-mewt ta' martu.

"***F' termini rigidament legalistici meta ligi tippreskrivi l-mod u terminu ghall-prosegwiment ta' xi dritt, ma jistax, imbaghad, il-parti jippretendi illi ghan-nuqqas tieghu li josserva dik l-modalita jew li jottempera ruhu fit-terminu preskritt huwa ghandu xorta wahda jikkonsegwi l-beneficcju intier ta' dak id-dritt pretiz minnu. Jinsab, difatti, ritenut illi "jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu … allura t-titolar tad-dritt jista' jitqies fic-cirkustanzi kongruwi li jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta' dak id-dritt". Ara "Carmelo Calleja -vs- Carmelo Sciortino", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Novembru, 1971, per Imhallef Maurice Caruana Curran. Ma' dan hu akkoppjat il-principju l-iehor illi f' kull kaz l-pretendent tad-dritt kellu ghal dak l-istess stat ta' fatt jagixxi skond il-ligi. Dan ghaliex, kif saput, l-injoranza ta' ligi li tkun fis-sehh ma tistax titqies skuzabbli;***

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet marbuta strettament mat-termini ta' dritt in tema, il-Qorti kompliet hekk***:***

***Opportunement, pero`, tajjeb jigi registrat ukoll, ghas-sens ta' gustizzja li wiehed lejha ghandu dejjem jaspira, il-hsieb sekolari illi "la presunzione che il cittadino conosce la legge non dev' essere troppo spinto ed indistintamente sempre applicata" ("Maria Xuereb -vs- Lorenzo Mifsud", 27 ta' Jannar 1886, Vol. XI pagna 29)***;

Premess dan madanakollu l-Qorti gustament stqarret illi ma setatx tiddipartixxi mid-dettami tal-ligi ghax, kif ukoll ritenut, "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza d' incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni*" ("**Gollcher -vs- Ostman**", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu, 1866);

Illi x'aktarx kien b'dan il-hsieb f'mohhu illi l-legislatur ghadda sabiex jaghti is-setgha lid-Direttur illi fid-diskrezzjoni tieghu jara jekk dan in-nuqqas da parti tal-kontribwent kienx wiehed dovut ghal negligenza da parti tieghu jew inkella jekk huwa kellux gustifikazzjoni valida ghall-applikazzjoni tardiva.

"***gjaladarba l-ligi kienet taffida lid-Direttur b' diskrezzjoni prudenzjali, kien jinhass xieraq illi huwa, bl-uzu ta' dik l-istess diskrezzjoni, ikejjel id-decizjoni tieghu b' mod gust u sewwa u mhux bi prekoncetti legalistici***."

"***Din il-Qorti tillimita ruhha biex tosserva, u dan mhux b' prerogativa specjali imma ghax il-kaz hekk jissuggerixxi, illi jekk, fl-apprezzament, il-fattispeci jwasslu ghad-deduzzjoni li tissodisfah illi ma kien hemm xejn li jimporta traskuragni kolpuza jew semplici inavvertenza jew zvista jew zball da parti ta' l-appellant allura d-diskrezzjoni tieghu, skarna minn attitudni legalistika irrigidita`, ghandha tikkonducih biex jilqa' favorevolment it-talba ta' l-appellant, …***" (Valerio Valente vs Direttur Sigurta Socjali – App.Inf. 01/03/2006)

Kwindi din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni superjuri moghtija fid-decizjoni hawn fuq iccitata u tiddikjara li, filwaqt li legalment ma ghandhiex xelta ohra hlief li tilqa' l-appell, vivament tirrakkomanda lid-Direttur appellat biex bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu jilqa' t-talba ta' l-appellanti ghall-konsegwiment tal-hlas ta' l-arretrati tal-Pensjoni Kontributorja u dana ukoll ghaliex kif gustament jishaq l-appellanti dana d-dritt tieghu huwa naxxenti mill-kontribuzzjonijiet imhallsa minnu tul il-hajja lavorattiva tieghu kif kien fi dmir li jaghmel skont il-ligi sabiex jibbenefika mill-previdenza socjali meta huwa jigi biex jieqaf mix-xoghol u jibda jircevi mill-istat retribuzzjoni ghal kontribuzzjonijiet maghmula minnu.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-motivi surriferiti u bir-rakkomandazzjoni maghmula, l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------